Programme in **English** below

Djalogu Interkulturali

# irkejjen

Nhar **il-Ġimgħa, 22 ta' Frar, 2008, mis-7.30pm 'il quddiem, fil-Kavallier ta' San Ġakbu**, għadd ta' kittieba u qarrejja minn Malta, is-Slovakkja, l-Eritrea, il-Palestina, u l-Galizja se jiltaqgħu biex jaqraw xogħlijiet ta' kittieba minn letteraturi differenti lill-pubbliku preżenti.

Il-qari se jkun l-aktar bil-Malti u bl-Ingliż u se jsir fi mkejjen differenti taċ-Ċentru. Id-dħul għall-attivitajiet kollha se jkun b'xejn.

F'din l-attività ta' djalogu interkulturali permezz tal-letteratura bl-isem ta' "Rkejjen" se jieħdu sehem Trevor Żahra, Sandra Vassallo, Walid Nabhan, Immanuel Mifsud, Anna Ignacak Mifsud, Caldon Mercieca, Roderick Mallia, Simone Inguanez, Beatriz Iglesias, Maria Grech Ganado, Siem Gabir, Priscilla Cassar, Adel Bishtawi, u Clare Azzopardi. Il-koordinazzjoni ta' "Rkejjen" hija f'idejn Claudia Gauci u Adrian Grima ta' Inizjamed.

Il-kittieba u qarrejja se jinqasmu fi tliet gruppi u jaqraw darba. Kull persuna għandha massimu ta' 5 minuti. Il-gruppi differenti se jaqraw fis-7.30pm, fit-8.00pm, fit-8.30pm u fid-9.00pm.

Din l-attività se titmexxa minn Inizjamed fi ħdan l-inizjattivi organizzati minn Malta bħala parti mis-sena internazzjonali tad-djalogu interkulturali. Il-Gvern Malti għażel lil Inizjamed bħala waħda mill-Ambaxxaturi tad-Djalogu Interkulturali għall-2008. Dawn l-attivitajiet qed jitmexxew miċ-Ċentru għall-Kreattività tal-Kavallier ta' San Ġakbu.

Minbarra l-kittieba u l-qarrejja ta' "Rkejjen" fil-programm ta' Festa 5 li se jsir nhar il-Ġimgħa fil-Kavallier ta' San Ġakbu u jibda fis-7.00pm, se jkun hemm 50 artist u artista minn pajjiżi differenti, fosthom grupp ta' perkussjonisti minn pajjiżi differenti mmexxijin minn Renzo Spiteri, Sarah Spiteri li se ddoqq xogħol ta' Alex Vella Gregory fil-post fejn hemm wirja ta' tpinġijiet ta' priġunieri tfal fil-kamp tal-konċentrament Nażista ta' Terezin, mużika Ċiniża, salsa, tango, u flamenco.

Se jkun hemm ukoll ikel u xorb minn bosta pajjiżi, attivitajiet għat-tfal, xogħlijiet ta' artisti u artiġjani żgħażagħ Maltin, u xogħol ta' l-artiġjanat minn bnadi differenti tad-dinja ppreżentat mill-Koperattiva Kummerċ Ġust tal-ħanut dinji L-Arka.

# irkejjen

## intercultural readings by Inizjamed

Friday, 22 February, 2008, 7.00pm, St. James Cavalier

**Reading Group 1**
7.30pm - 7.50pm – Studio Shop
*Sandra Vassallo* - Anna Ignacak Mifsud - Immanuel Mifsud - Walid Nabhan

**Memorial Concert and Literature**
8.00pm - 8.20 pm – Studio Shop
Music and Literature to accompany the exhibition of drawings by child prisoners in the Terezin Nazi Concentration Camp (about 90 miles north of Prague).
A reading by Maria Grech Ganado (Inizjamed)
Sarah Spiteri will play an original composition by Alex Vella Gregory

**Memorial Concert and Literature** (repeat)
8.30pm – 8.45 pm – Studio Shop

**Reading Group 2**
8.30pm - 8.55pm – Music Room
*Simone Inguanez* - Adel Bishtawi - Priscilla Cassar - Caldon Mercieca - Trevor Żahra

**Reading Group 3**
9.00pm – 9.20pm – Long Gallery (Upper floor)
*Clare Azzopardi* - Siem Gabir - Beatriz Iglesias - Roderick Mallia

---